KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
NILS WAHL
ippreżentati fil-21 ta' Lulju 2016 [1]

Kawża C-351/15 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Total SA u Elf Aquitaine SA

"Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-metakrilati — Multi — Responsabbiltà in solidum tal-kumpanniji parent u tas-sussidjarja tagħhom għall-aġir ta' ksur ta' din tal-aħħar — Ħlas immedjat u sħiħ tal-multa mis-sussidjarja — Tnaqqis tal-ammont tal-multa tas-sussidjarja wara sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea — Ittri ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea li jeżiġu mill-kumpanniji parent il-ħlas tas-somma rrimborsata minnha lis-sussidjarja, miżjuda bl-interessi moratorji — Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Protezzjoni ġudizzjarja effettiva"

1. Permezz ta' dan l-appell, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' April 2015, Total u Elf Aquitainet vs Il-Kummissjoni [2], li permezz tagħha hija annullat parzjalment l-ittri tal-Kummissjoni [3] dwar il-ħlas, minn Total SA u Elf Aquitaine, tal-ammont tal-multa u tal-interessi moratorji dovuti wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 2098 finali [4].

2. Din il-kawża tistieden b'mod partikolari lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk – u jekk ikun il-każ sa fejn – jikkostitwixxux atti li jistgħu jiġu kkontestati, ittri ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni li jeżiġu mill-kumpanniji parent il-ħlas, flimkien mal-interessi moratorji, ta' multi li kienu ġew imposti fuqhom *in solidum* mas-sussidjarja tagħhom għall-ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni, wara t-tnaqqis jew ir-rimbors parzjali ta' dawn il-multi fir-rigward tas-sussidjarja li tħallashom inizjalment. B'mod iktar preċiż, il-kwistjoni hija jekk dawn l-ittri jippreġudikawx lil dawn l-impriżi, fid-dawl li dawn immodifikaw is-sitwazzjoni legali tagħhom fir-rigward tad-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni, peress li donnhom jimponu piż addizzjonali meta mqabbla mal-imsemmija deċiżjoni. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiċċara, fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, it-tqassim tal-kompetenzi li għandhom il-qorti tal-Unjoni u l-qorti nazzjonali rispettivament fl-istħarriġ ta' miżuri ta' rkupru tal-multi.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-470/11, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2015:241.

3 — Dawn huma l-ittri BUDG/DGA/C4/BM/s746396, tal-24 ta' Ġunju 2011 (iktar 'il quddiem l-"ittra tal-24 ta' Ġunju 2011"), u BUDG/DGA/C4/BM/s812886, tat-8 ta' Lulju 2011 (iktar 'il quddiem l-"ittra tat-8 ta' Lulju 2011" u flimkien, l-"ittri kkontestati").

4 — Deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (Każ COMP/F/38.645 – Metakrilati) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Metakrilati").

I – Il-fatti li wasslu għall-kawża

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 2 sa 28 tas-sentenza appellata bil-mod segwenti:

"2 Bid-[deċiżjoni Metakrilati], il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ikkundannat *in solidum* lil Arkema SA u lis-sussidjarji tagħha Altuglas International SA u Altumax Europe SAS (iktar 'il quddiem, meqjusa flimkien, 'Arkema') għal multa ta' EUR 219 131 250 talli pparteċipaw f'akkordju (iktar 'il quddiem il-'multa inizjali').

3 Ir-rikorrenti, Total SA u Elf Aquitaine SA, li kienu, matul il-perijodu ta' ksur stabbilit fid-deċiżjoni Metakrilati, il-kumpanniji parent ta' Arkema, inżammu responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa inizjali fl-ammont ta' EUR 181 350 000 u fl-ammont ta' EUR 140 400 000, rispettivament.

4 Fis-7 ta' Settembru 2006, Arkema ħallset il-multa inizjali fl-intier tagħha u, sussegwentement, bħalma għamlu, b'mod parallel u awtonomu, ir-rikorrenti, ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni Metakrilati (iktar 'il quddiem il-'proċedura ġudizzjarja Metakrilati').

Proċedura ġudizzjarja Metakrilati quddiem il-Qorti Ġenerali

5 Fl-4 u fl-10 ta' Awwissu 2006, ir-rikorrenti u Arkema ppreżentaw, rispettivament, rikors għall-annullament tad-deċiżjoni Metakrilati.

6 Fl-ambitu tal-kawża T-206/06, ir-rikorrenti talbu, prinċipalment, l-annullament tad-deċiżjoni Metakrilati.

7 Fl-ambitu ta' din il-kawża, ir-rikorrenti talbu wkoll, sussidjarjament, it-tnaqqis tal-ammont tal-multa inizjali imposta *in solidum* fuq Arkema u fuqhom stess.

8 Fl-24 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni bagħtet lil Arkema ittra li biha hija stednitha tikkonferma li l-ħlas tagħha tas-7 ta' Settembru 2006 kien sar 'għan-nom tad-debituri kollha responsabbli konġuntament u *in solidum*', filwaqt li speċifikat, minn naħa, li, 'fl-assenza ta' tali konferma u fil-każ li d-deċiżjoni [Metakrilati kellha tiġi] annullata għall-impriża li għan-nom tagħha sar il-ħlas', hija 'tirrimborsa l-ammont ta' EUR 219 131 250 bl-interessi' u, min-naħa l-oħra, li, 'jekk il-multa kollha jew parti minnha kellha tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mid-debituri *in solidum* l-oħra', hija 'titlob lil dan tal-aħħar kull somma li tibqa' dovuta flimkien mal-interessi moratorji bir-rata ta' 6.09 %'.

9 Permezz ta' ittra tal-25 ta' Settembru 2008, Arkema informat lill-Kummissjoni li hija kienet ħallset is-somma ta' EUR 219 131 250 'fil-kwalità tagħha ta' koobbligata *in solidum* u li, wara dan il-ħlas, il-Kummissjoni [ġiet] kompletament sodisfatta fid-drittijiet tagħha kemm fil-konfront ta' Arkema kif ukoll fil-konfront tal-koobbligati *in solidum* kollha'. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Arkema informatha 'bid-dispjaċir [tagħha] li ma [setgħetx tawtorizza] lill-Kummissjoni żżomm kwalunkwe amm ont fil-każ li r-rikors tagħha quddiem il-qorti Komunitarja [jkollu] suċċess'.

10 Fl-24 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni bagħtet ittra lil[l-konvenuti], sabiex tinformahom, b'mod partikolari, bl-ittra ta' Arkema tal-25 ta' Settembru 2008 u bil-fatt li Arkema rrifjutat li tagħmel id-dikjarazzjoni ta' ħlas komuni pprovduta mill-Kummissjoni.

11 Ir-rikors ta[l-konvenuti] ġie miċħud b'sentenza tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, [...] iktar 'il quddiem is-'sentenza Total u Elf Aquitaine', EU:T:2011:250).

12 Min-naħa l-oħra, ir-rikors ippreżentat separatament minn Arkema kontra d-deċiżjoni Metakrilati ntlaqa' parzjalment, permezz tas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/06, [...], EU:T:2011:251), sa fejn l-ammont tal-multa imposta fuq Arkema tnaqqas għal EUR 113 343 750.

13 Fis-sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France vs Il-Kummissjoni (T-217/06, EU:T:2011:251)], il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li kien hemm lok, fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha ta' ġurisdizzjoni sħiħa, li tnaqqas iż-żieda tal-multa li, fid-deċiżjoni Metakrilati, ġiet applikata fuq il-bażi tal-effett diswassiv, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-jum meta l-multa ġiet imposta fuqha, hija ma kinitx għadha kkontrollata mi[l-konvenuti] (sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France vs Il-Kummissjoni (T-217/06, EU:T:2011:251)], punti 338 u 339).

14 Is-sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France vs Il-Kummissjoni (T 217/06, EU:T:2011:251)], ma ġietx appellata, b'tali mod li kisbet is-saħħa ta' *res judicata*.

15 Il-Kummissjoni rrimborsat lil Arkema, bid-data ta' valur tal-5 ta' Lulju 2011, is-somma fl-ammont ta' EUR 119247033.72 (EUR 105 787 500 bħala somma prinċipali miżjuda bi EUR 13459533.72 bħala interessi).

Ittri [kkontestati]

L-ittra tal-24 ta' Ġunju 2011.

16 Fl-ittra tal-24 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni informat li[l-konvenuti] li, 'sabiex teżegwixxi s-sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema, Franza vs Il-Kummissjoni (T-217/06, EU:T:2011:251) hija] [kellha tirrimoborsa lil] Arkema l-ammont li jikkorrispondi għat-tnaqqis tal-multa deċiż mill-Qorti Ġenerali'.

17 Fl-istess ittra tal-24 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni talbet ukoll li[l-konvenuti], '[b]'mod parallel, u fil-każ tal-preżentata ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra s-sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250),] il-ħlas tas-somma li tibqa' dovuta miżjuda bl-interessi moratorji bir-rata ta' 6.09 % b'effett mit-8 ta' Settembru 2006', jiġifieri EUR 68 006 250, ħlas li bih Total kienet marbuta bħala responsabbli 'konġuntament u *in solidum*' sal-ammont ta' EUR 27 056 250, flimkien mal-interessi moratorji, jiġifieri ammont totali ta' EUR 88135466.52.

18 Permezz ta' ittra tad-29 ta' Ġunju 2011 mibgħuta lill-Kummissjoni, i[l-konvenuti] sostnew, essenzjalment, li, sa mis-7 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni kellha 'd-drittijiet kollha tagħha ssodisfatti' u għamlu diversi mistoqsijiet lill-Kummissjoni sabiex jiksbu kjarifiki fuq diversi punti tal-ittra tal-24 ta' Ġunju 2011.

L-ittra tat-8 ta' Lulju 2011

19 Permezz tal-ittra tat-8 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni wieġbet, b'mod partikolari, li, 'kuntrarjament għall-fehma [tal-konvenuti, hija] bl-ebda mod ma [tirrinunzja] għall-irkupru tas-somom dovuti jekk [il-konvenuti] jirrinunzjaw għall-appell tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja', filwaqt li ppreċiżat li 'r-responsabbiltà [tal-konvenuti] ma tintemmx biż-żamma tas-somom speċifikati mis-sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France (T-217/06, EU:T:2011:251)] u mħallsa minn Arkema'.

20 Fl-istess ittra tat-8 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni ammettiet li wettqet żball fir-rigward tal-ammont li hija intendiet titlob u ppreċiżat li l-ammont dovut minn Elf Aquitaine, skont id-deċiżjoni Metakrilati u skont is-sentenzi [tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250), kif ukoll tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France *et* (T-217/06,

EU:T:2011:251), kien ta' EUR 137099614.58, inkluż l-interessi moratorji ta' EUR 31312114.58 (iktar 'il quddiem l-'interessi moratorji'), li għalihom Total kienet marbuta *in solidum* sal-ammont ta' EUR 84028796.03.

21 Il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll, fl-ittra tat-8 ta' Lulju 2011, li, fil-każ ta' appell mi[l-konvenuti] kontra s-sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250)], huma setgħu jikkostitwixxu garanzija bankarja minflok iħallsu l-multa.

22 Fit-18 ta' Lulju 2011, i[l-konvenuti] ħallsu lill-Kummissjoni s-somma mitluba fl-ittra tat-8 ta' Lulju 2011, jiġifieri EUR 137099614.58.

Proċedura ġudizzjarja Metakrilati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fuq appell

23 Fl-10 ta' Awwissu 2011, i[l-konvenuti] ppreżentaw appell mis-sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250).

[…]

25 L-appell ġie miċħud permezz ta' digriet tas-7 ta' Frar 2012, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-421/11 P, [mhux ippubblikata] [...], EU:C:2012:60), peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet it-talbiet kollha ta[l-konvenuti].

[…]

28 Dwar it-talbiet, imressqa sussidjarjament, intiżi għad-dispensa mill-ħlas tal-interessi moratorji, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet kif ġej:

'89 Din it-talba għandha tiġi miċħuda bħala manifestament inammissibbli sa fejn din ma hijiex diretta […] kontra s-sentenza [tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250)], iżda kontra [l-ittra tat-8 ta' Lulju 2011] li hija, barra minn hekk, is-suġġett ta' rikors ta[l-konvenuti] quddiem il-Qorti Ġenerali, irreġistrat fir-Reġistru tagħha bin-Numru T-470/11'."

II – Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

4. Permezz tar-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru 2011, il-konvenuti għamlu rikors għal annullament kontra l-ittri kkontestati quddiem il-Qorti Ġenerali, fejn talbu, sussidjarjament, it-tnaqqis tas-somom mitluba fihom kif ukoll, b'mod iktar sussidjarju, l-annullament tal-interessi mitluba.

5. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, skont l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Hija argumentat, b'mod partikolari, li l-ittri kkontestati jikkostitwixxu atti li ma jistgħux jiġu kkontestati peress li ma għandhomx effetti legali vinkolanti li huma ta' natura li jaffettwaw lill-konvenuti, u li l-obbligu tal-ħlas impost fuq dawn tal-aħħar jirriżulta mid-deċiżjoni Metakrilati biss.

6. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat qabel xejn, fil-punti 72 sa 101 tal-imsemmija sentenza, din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

7. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, b'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda l-ammont prinċipali rikjest mingħand il-konvenut fl-ittri kkontestati, dawn l-ittri ma kinux affettwaw l-interessi tagħhom billi jbiddlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tagħhom fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE wara d-deċiżjoni Metakrilati.

8. Mill-banda l-oħra, fir-rigward tal-obbligu tal-ħlas tal-interessi moratorji, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li dawn ma jirriżultawx minn din id-deċiżjoni, u lanqas mis-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2011, Total Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni T-206/06, EU:T:2011:250), jew tas-7 ta' Ġunju 2011 Arkema France *et* vs Il-Kummisjoni (T-217/06, EU:T:2011:251), peress li Arkema kienet ħallset, fl-estensjoni immedjata tal-imsemmija deċiżjoni, b'tali mod li l-att ikkontestat biddel sew is-sitwazzjoni legali tagħhom billi żied is-somma dovuta mill-konvenuti skont din l-istess deċiżjoni.

9. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikors huwa ammissibbli peress li kien magħmul kontra l-interessi moratorji rikjesti mill-konvenuti fl-ittri kkontestati.

10. Imbagħad, il-Qorti Ġenerali fil-punti 107 sa 118 tas-sentenza appellata, eżaminat ir-rikors fil-mertu sa fejn dan kien jirrigwarda l-interessi moratorji rikjesti mill-konvenuti u laqgħetu f'dan ir-rigward.

11. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali annullat l-ittri kkontestati inkwantu l-Kummissjoni talbet lill-konvenuti l-ħlas tal-interessi moratorji u ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

III – It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiddikjara inammissibbli r-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, u

— tikkundanna lill-konvenuti fl-appell għall-ispejjeż kollha, inkluż dawk relatati mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

13. Il-konvenuti fl-appell jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

14. B'deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 2016, ġie aċċettat l-intervent tal-Awtorità tas-Sorveljanza ETFA insostenn tal-talbiet tal-Kummissjoni. Madankollu, peress li t-talba għall-intervent kienet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu previst fl-Artikolu 190(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-parti ma tħallitx, skont l-Artikolu 129/(4) ta' dawn ir-regoli, tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha ħlief waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali li saret fid-9 ta' Ġunju 2016.

IV – Analiżi tal-appell

15. Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tqajjem tliet aggravji, ibbażati rispettivament, l-ewwel fuq li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkunsidrat li l-ittri kkontestati jipproduċu effetti legali vinkolanti, it-tieni fuq ksur tal-prinċipji ta' *lis alibi pendens* u tal-awtorità ta' *res judicata* u t-tielet fuq kontradizzjoni tal-motivi.

A – *Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkunsidrat li l-ittri kkontestati jipproduċu effetti legali vinkolanti*

1. L-argumenti tal-partijiet

16. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkonkludiet li l-ittri kkontestati jipproduċu effetti legali vinkolanti li huma ta' natura li jaffettwaw l-interessi tal-konvenuti. Hija ssemmi b'mod iktar partikolari l-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 81 sa 87 tas-sentenza appellata.

17. L-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

18. Fl-ewwel parti, il-Kummissjoni ssostni li l-ittri kkontestati huma sempliċi talbiet ta' ħlas b'eżekuzzjoni tad-deċiżjoni Metakrilati, li jippreparaw għal eventwali eżekuzzjoni forzata tagħha wara s-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2011 Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250), (li tikkonferma l-multi imposti fuq il-konvenuti) kif ukoll tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/06, EU:T:2011:251) (li tnaqqas il-multi imposta fuq Arkema). Madankollu, dawn l-ittri għadhom ma jikkostitwixxux l-"eżekuzzjoni forzata" u għalhekk ma jistabilixxux pożizzjoni definittiva tal-Kummissjoni.

19. Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni targumenta li l-kontenut tal-ittri kkontestati juri li dawn ma jipproduċux effetti legali vinkolanti. Fil-fatt, dawn l-ittri jesprimu l-opinjoni tas-servizzi ta' kontabbiltà dwar l-irkupru tal-multa imposta mid-deċiżjoni Metakrilati u jfakkru biss ir-regoli tal-ħlas jew "il-ħlas tal-multa sa llum", li hija b'mod ċar miżura meħuda fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni.

20. Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, il-Kummissjoni targumenta li l-ittri kkontestati ma jżidu xejn mal-kontenut tad-deċiżjoni Metakrilati. L-obbligu li għandhom il-konvenuti li jħallsu l-multa u l-interessi inċidentali tagħha huwa – u jista' jkun – biss ir-riżultat tad-deċiżjoni Metakrilati, moqrija fid-dawl tas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2011 Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250), tas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2011 Arkema France *et* (T-217/06, EU:T:2011:251), u tad-digriet tas-7 ta' Frar 2012, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-421/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:60). Il-Kummissjoni tenfasizza li hija ma għandha ebda diskrezzjoni fil-qasam, peress li l-istabbiliment tal-interessi moratorji jirriżulta mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE Euratom) Nru 966/2012 [5] u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu, ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 [6]. Fi kliem ieħor, l-ittri kkontestati juru biss l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tapplika d-deċiżjoni Metakrilati u ma jipproduċu ebda effett legali ieħor ħlief dak ta' din id-deċiżjoni. Dawn l-atti ma jistgħux ikunu sseparati mid-deċiżjoni li tagħha huma jippreparaw l-implementazzjoni.

21. Il-konvenuti jikkunsidraw li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

22. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet parti tal-aggravju, il-konvenuti jikkunsidraw li essenzjalment dawn jinġabru f'riproduzzjoni tal-argumenti li diġà ġew ippreżentati qabel quddiem il-Qorti Ġenerali – u li għalihom hija rrispondiet fil-punti 82 sa 87 tas-sentenza appellata – u li ma humiex intiżi sabiex jistabbilixxu li din tal-aħħar wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjonijiet tagħha. Dawn il-partijiet għandhom għalhekk jiġu miċħuda peress li huma manifestament inammissibbli fil-kuntest ta' dan l-appell.

5 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju").

6 — Regolament tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 966/2012 (ĠU 2012, L 362, p. 1).

23. Dwar l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, hija għandha, fl-opinjoni tal-konvenuti, tkun miċħuda bħala infondata.

24. F'dan il-każ, mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju (ara b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu, ir-Regolament ta' Delega Nru 1268/2012 (ara l-Artikoli 80 u 83), kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-*ratio legis* tal-istabbiliment tal-interessi moratorji f'każ ta' impożizzjoni ta' multa għall-ksur ta' dispożizzjonijiet tal-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat FUE hija li jiġi evitat li l-effett utili tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE ma jkunx imxekkel minn prattiki implementati unilateralment minn impriżi li jikkawżaw dewmien fil-ħlas tal-multa li għaliha huma jkunu ġew ikkundannati u li jiġi eskluż li l-imsemmija impriżi ma jkunux ivvantaġġjati meta mqabbla ma' dawk li jeħilsu mill-ħlas tal-multi tagħhom fit-terminu impost.

25. F'dan il-każ, u barra minn hekk, kif irrikonoxxiet ukoll il-Kummissjoni, il-konvenuti ħallsu preċiżament il-multa li kienet ġiet imposta fuqhom qabel l-iskadenza tat-terminu impost. Barra minn hekk, fid-data tal-ittri kkontestati, wara s-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250), kif ukoll tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/06, EU:T:2011:251), iżda qabel l-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ma kienet teżisti ebda bażi legali sabiex tintalab mill-konvenuti s-somma ta' EUR 31312114.58 bħala interessi moratorji.

26. Konsegwentement, dawn l-ittri ma jikkonfermawx biss id-dispożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fir-rigward tal-interessi moratorji fl-Artikolu 23 tad-deċiżjoni Metakrilati. Dawn l-ittri jinkludu element ġdid, jiġifieri l-impożizzjoni ta' interessi, fin-nuqqas ta' kwalunkwe dewmien sostanzjali, jew anki allegat, kontra l-konvenuti.

2. Evalwazzjoni

a) Fuq l-ammissibbiltà tal-aggravju

27. Peress li l-konvenuti kkontestaw formalment l-ammissibbiltà tal-ewwel aggravju, fir-rigward tat-tieni u t-tielet partijiet tiegħu, hemm lok li jiġi ddeterminat jekk, kif sostnew huma, l-argument żviluppat mill-Kummissjoni f'dawn il-partijiet jikkostitwixxix sempliċi repetizzjoni tal-argumenti diġà mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, li ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid fil-kuntest ta' dan l-appell.

28. F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi miċħud li fil-kuntest tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni effettivament irrepetiet numru ta' argumenti magħmula fl-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tagħha mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-proċedura li tat lok għas-sentenza appellata.

29. Xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni trid preċiżament tikkontesta r-raġunament legali li wassal lill-Qorti Ġenerali tikkonkludi li l-ittri kkontestati għandhom natura li jipproduċu effetti legali vinkolanti li huma ta' natura li jbiddlu s-sitwazzjoni tal-impriżi inkwistjoni.

30. Madankollu, huwa stabbilit li l-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jiġu diskussi mill-ġdid matul l-appell, meta appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, jekk appellant ma setax jibbaża b'dan il-mod l-appell tiegħu fuq aggravji u argumenti li diġà ntużaw quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura ta' appell tkun nieqsa minn parti mis-sens tagħha [7].

7 — Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625 punti 46 u 47); tal-4 ta' Settembru 2014, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-197/13 P, EU:C:2014:2157, punti 44 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), u tal-14 ta' Ġunju 2016, Marchiani vs Il-Parlament (C-566/14 P, EU:C:2016:437, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31. Barra minn hekk, jiena tal-opinjoni li l-Kummissjoni identifikat b'mod suffiċjenti fid-dritt, kif mistiedna mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-punti tal-motivi tas-sentenza appellata li fl-opinjoni tagħha huma vvizzjati minn żbalji ta' liġi.

32. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi għandhom jiġu miċħuda l-aggravji ta' inammissibbiltà mressqa mill-appellati f'dan l-appell.

b) Fuq il-fondatezza tal-aggravju

33. L-ewwel aggravju, li fil-kuntest ta' dan l-appell għandu natura ċentrali, jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk huwiex ġust li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-ittri kkontestati, sa fejn il-Kummissjoni talbet interessi moratorji, jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

34. F'dan il-każ hemm żewġ perċezzjonijiet opposti.

35. Minn naħa waħda, il-Kummissjoni, li magħha ngħaqdet l-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA, issostni, essenzjalment, li l-obbligu tal-ħlas ta' interessi moratorji jirriżulta kemm mid-deċiżjoni Metakrilati kif ukoll mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti, u li l-ittri kkontestati għandhom biss natura preparatorja tad-deċiżjoni ta' eżekuzzjoni forzata eventwali u ma għandhomx natura li jbiddlu s-sitwazzjoni legali tal-impriżi inkwistjoni.

36. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti jargumentaw essenzjalment li dawn l-ittri ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li jikkonfermaw deċiżjoni preċedenti. Filwaqt li rrilevat, li ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni, li fis-7 ta' Settembru 2006 Arkema kienet ħallset il-multa inizjali kollha fl-ammont ta' EUR 219 131 250 u fid-dawl tal-fatt li dan il-ħlas għandu jkun ikkunsidrat li sar għan-nom tal-konvenuti, huma jikkunsidraw li fl-ebda mument, ma kien hemm kwistjoni ta' dewmien ta' ħlas u li, għalhekk, huma ma kellhomx iħallsu l-interessi moratorji rikjesti fl-ittri kkontestati.

37. Għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, huma biss il-miżuri li jipproduċu effetti ġuridiċi obbligatorji li huma ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrenti, billi jbiddlu l-pożizzjoni ġuridika tagħha b'mod ċar, li jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE [8].

38. Hija ġurisprudenza stabbilita wkoll li hemm lok tingħata importanza lis-sustanza tal-miżura li tintalab l-annullament tagħha sabiex jiġi ddeterminat jekk tistax tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament, il-forma li fiha tiġi adottata hija irrilevanti f'dan ir-rigward [9].

8 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni (60/81, EU:C:1981:264, punt 9); tat-12 ta' Settembru 2006, Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni (C-131/03 P, EU:C:2006:541, punt 54), kif ukoll tas-6 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs Ferriere Nord (C-516/06 P, EU:C:2007:763, punt 27).

9 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni (60/81, EU:C:1981:264, punt 9) kif ukoll tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-521/06 P, EU:C:2008:422, punti 42 u 43).

39. Fir-rigward ta' atti jew deċiżjonijiet li t-tfassil tagħhom jitwettaq f'diversi fażijiet, b'mod partikolari fit-tmiem ta' proċedura interna, ma jikkostitwixxux, bħala regola [10], att li jista' jiġi kkontestat ħlief dawk il-miżuri li jistabbilixxu b'mod definittiv il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fit-tmiem ta' din il-proċedura, bl-esklużjoni tal-miżuri *interim*, li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw id-deċiżjoni finali [11]. Għalhekk ma jistgħux ikunu kkunsidrati miżuri intermedjarji li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw id-deċiżjoni finali, li ma għandhomx tali effetti, kif ukoll atti purament konfermatorji ta' att preċedenti li ma jkunx ġie kkontestat fit-termini previsti [12].

40. X'ġara mill-ittri ta' intimazzjoni redatti mis-servizzi ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni wara deċiżjonijiet dwar il-ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni, adottati minnha b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2)(a) [13] tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [14], bħad-deċiżjoni Metakrilati inkwistjoni f'din il-kawża?

41. Għal din il-mistoqsija, li *a priori* hija sempliċi, nipproponi li għandha tingħata tweġiba kkwalifikata.

42. Jekk, kif ser nesponi fl-ewwel lok u b'konformità mal-prinċipji stabbiliti b'mod partikolari mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs Ferriere Nord [15], dawn l-ittri ma għandhomx, *fil-prinċipju*, iwasslu għal konsegwenzi ġuridiċi awtonomi meta mqabbla fir-rigward tad-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur ta' dritt tal-kompetizzjoni u konsegwentement timponi multa, il-konfigurazzjoni speċifika ta' dan il-każ twassalni sabiex nimmilita – għar-raġunijiet li ser nesponi fit-tieni lok – għar-rifjut tal-appell. Fil-fatt, ladarba l-imsemmija ittri jinkludi element ġdid ta' natura li jippreġudika l-impriżi inkwistjoni, l-importanza tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tista' twassal lill-qorti tal-Unjoni tikkunsidra li dawn jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu suġġetti għal rikors għal annuallament b'applikazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE.

i) L-ittri tas-servizzi ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni li jitolbu lid-destinatarji ta' deċiżjoni meħuda b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 il-ħlas ta' multa, eventwalment miżjuda bl-interessi moratorji, ma humiex, fil-prinċipju, intiżi sabiex joħolqu effetti vinkolanti li huma ta' natura li jaffettwaw l-interessi tal-impriżi kkonċernati

43. L-ittri tas-servizzi ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni jikkostitwixxu, fil-prinċipju, sempliċi intimazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni preċedenti. Fil-kuntest tad-deċiżjonijiet meħuda b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003, dawn l-ittri huma fl-istess ħin, konferma ta' deċiżjoni ta' konstatazzjoni ta' ksur – u impożizzjoni ta' multa konkominanti – u preparatorji għall-eventwali azzjonijiet ta' eżekuzzjoni forzata.

44. Jekk tingħata importanza għas-sustanza tagħhom, dik li fir-realtà hija biss determinanti sabiex tingħata deċiżjoni dwar in-natura kontestabbli ta' att quddiem il-qorti tal-Unjoni, dawn l-ittri ta' intimazzjoni, fil-prinċipju, ifakkru biss il-modalitajiet possibbli ta' ħlas u l-ammont li fadal, skont il-kontabbiltà tal-Kummissjoni, dovut mill-impriżi destinatarji. Is-servizzi ta' kontabbiltà

10 — Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika, f'dan ir-rigward, li, fil-kuntest ta' proċedura li ssir f'diversi fażiijiet, l-istituzzjonijiet jistgħu jadottaw atti li jistgħu jiġu sseparati minn xulxin, li jistgħu jiġu kkontestati sa fejn jipproduċu effetti legali fihom infushom, b'mod partikolari għliex jikkostitwixxu l-għan aħħari ta' proċedura speċjali distinta (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, EU:C:1981:264, punt 11).

11 — Ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni (60/81, EU:C:1981:264, punt 10); tat-22 ta' Ġunju 2000, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni (C-147/96, EU:C:2000:335, punt 26), kif ukoll tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni (C-521/06 P, EU:C:2008:422, punti 42 u 43).

12 — Ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2010, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni (C-362/08 P, EU:C:2010:40, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 — Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni, timponi multi fuq impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi meta, b'mod deliberat jew b'negliġenza huma jwettqu ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 81 u 82 KE (li saru l-Artikoli 101 u 102 TFUE).

14 — Regolament tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

15 — C-516/06 P, EU:C:2007:763.

tal-Kummissjoni ma jistgħux jadottaw atti ġuridikament vinkolanti, l-ittri li jindirizzaw lill-impriżi kkonċernati fil-fatt, ma humiex intiżi sabiex jinkludi elementi ta' natura deċiżjonali, barra minn dawk li jirriżultaw mid-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni, kif eventwalment irriformata mill-qorti tal-Unjoni, li tista' tippreġudika lil dawn l-impriżi.

45. Dan japplika kemm għall-ammont tal-multa impost mill-Kummissjoni skont id-deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll għall-interessi moratorji fil-każ li ma teżisti ebda kontestazzjoni dwar it-tul tal-imsemmi dewmien.

46. Fil-fatt, fir-rigward tal-istabbiliment tal-ammont tal-interessi moratorji, il-Kummissjoni għandha, kif għamlet fid-deċiżjoni Metakrilati, tapplika d-dispożizzjonijiet tar-regoli għall-eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju fis-seħħ.

47. Fil-fatt, l-Artikolu 71(4) tar-Regolament Finanzarju jipprovdi li l-kundizzjonijiet li fihom l-interessi moratorji huma dovuti lill-Unjoni huma spjegati fir-regoli għall-eżekuzzjoni, stabbiliti skont l-Artikolu 183 tal-istess regolament. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 86(2) sa (5) tar-regolament Finanzjarju, kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1248/2006 [16], jistabbilixxi r-rati li japplikaw, jekk ikun il-każ, f'każ ta' dewmien ta' ħlas tal-multi imposti għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

48. Kif iddeċidiet b'mod ċar il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs Ferriere Nord [17], fir-rigward ta' ittra li titlob il-ħlas tal-bilanċ tal-ammont tal-multa, li l-Kummissjoni ma setgħetx titlob iktar il-ħlas tiegħu minħabba l-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li timponi l-multa, tali ittra ta' intimazzjoni ma tistax tkun ikkunsidrata bħala li toħloq effetti legali vinkolanti.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha, iddeċidiet li l-atti kkontestati, jiġifieri ittri tal-Kummissjoni fir-rigward tal-bilanċ mhux imħallas tal-multa li kienet imposta fuq Ferriere Nord SpA skont id-Deċiżjoni 89/515/KEE [18], kemm jekk dawn l-istess atti jiġu ppreżentati qabel jew wara l-iskadenza ta' eventwali preskrizzjoni, fil-fatt, jikkostitwixxu, fir-realtà, sempliċi atti preparatorji għal atti purament eżekuttivi [19]. Għandu jiġi nnotat li f'dik il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet ħsieb tirrileva li, permezz tal-atti kkontestati, il-Kummissjoni ma kinitx innotifikat lil Ferriere Nord b'deċiżjoni "li tvarja l-ammont oriġinali tal-multa, penalità jew pagamenti ta' penalità perijodiċi" fis-sens tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2988/74 [20].

50. Hemm lok li jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali reċentement marret għal soluzzjoni simili, peress li waslet sabiex tikkonstata li, permezz tal-ittra kkontestata, jiġifieri ta' intimazzjoni għall-ħlas ta' multa flimkien mal-interessi moratorji, il-Kummissjoni kienet ikkonfermat biss is-sitwazzjoni ġġenerata mid-deċiżjoni inizjali tagħha li timponi multa, kif emendata bis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u bl-ittri sussegwenti tal-Kummissjoni [21].

16 — Regolament tal-Kummissjoni tas-7 ta' Awwissu 2006 li jemenda r-regoli dettaljati għall-eżekuzzjoni (ĠU 2006, L 227, p. 3).

17 — C-516/06 P, EU:C:2007:763, punt 27.

18 — Deċiżjoni 89/515/KEE tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Awwissu 1989, dwar il-proċedura għall-implementazzjoni tal-Artikolu 85 tat-Trattat KE (IV/31.553 – Chicken wire) (ĠU 1989, L 260, p. 1).

19 — Sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs Ferriere Nord (C-516/06 P, EU:C:2007:763, punt 29).

20 — Regolament tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 1974 li jikkonċerna l-perijodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU 1974, L 319, p. 1).

21 — Ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, Trioplast Industrier vs Il-Kummissjoni (T-669/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:285, punti 65 sa 78).

51. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali ddikjarat inammissibbli rikors għal annullament ta' ittra li tindika s-somma eżatta li impriża, preċedentement ikkundannata tħallas multa minħabba l-parteċipazzjoni tagħha f'akkordju antikompetittiv, saħansitra qabel ma ħallsitha, jiġifieri kemm l-ammont li għadu dovut tal-multa kif ukoll l-interessi moratorji li għandhom jiżdiedu miegħu. Peress li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-ammont li miegħu żdidu l-interessi jirriżulta, b'mod definittiv, mir-regoli għall-eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju fis-seħħ, dik l-ittra kienet nieqsa minn natura deċiżjonali dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni korretta, f'dan il-każ, tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati [22].

52. Dawn il-pożizzjonijiet, donnhom huma qrib it-tagħlimiet li joħorgu mis-sentenza reċenti tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni [23], li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fil-kuntest ta' relazzjoni ta' natura kuntrattwali, li nota ta' debitu "għandha tkun intiża bħala intimazzjoni li tinkludi l-indikazzjoni tad-data ta' skadenza kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' ħlas u li din ma tistax tiġi mqabbla ma' titolu eżekuttiv, minkejja li ssemmi l-mezz ta' eżekuzzjoni tal-Artikolu 299 TFUE bħala għażla possibbli fost oħrajn li għandha l-Kummissjoni fl-ipoteżi fejn id-debitur ma jeżegwixxix fid-data ta' skadenza stabbilita".

53. F'dan ir-rigward, ma għandux jintesa li skont l-Artikolu 256 KE (li sar l-Artikolu 299 TFUE) [24], il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jiżguraw l-istħarriġ tar-*regolarità* tal-miżuri ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinkludi obbligu pekunjarju. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, tenfasizza li minkejja li l-kundizzjoni dwar l-effetti legali vinkolanti li huma ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrenti billi jbiddlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tiegħu għandha tkun interpretata fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tali interpretazzjoni ma tistax twassal sabiex din il-kundizzjoni ma tiġix ikkunsidrata mingħajr ma wieħed jeċċedi l-kompetenzi mogħtija mit-Trattat KE lill-qrati tal-Unjoni [25].

54. Dan it-tqassim ta' kompetenzi bejn il-qorti tal-Unjoni u l-qorti nazzjonali rispettivament huwa bbażat fuq l-idea li, ladarba jiġi ddefinit l-*obbligu pekunjarju* impost fuq individwu b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, hija l-qorti nazzjonali, fil-kwalità tagħha ta' qorti tal-Unjoni tad-dritt komuni, li għandha tistħarreġ il-legalità tal-miżuri ta' eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu preċiżament iddefinit.

55. Jidhirli li dan ma jwassalx sabiex jiġi eskluż li att, minkejja li huwa ppreżentat bħala att ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni preċedentement meħuda mill-Kummissjoni, jista' sa fejn jinkludi element ġdid li jista' jipproduċi effetti legali vinkolanti li huma ta' natura li jaffettwaw il-persuni konċernati, jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-fatt, f'dak il-każ, huwa għandu jkun ikkunsidrat li ma huwiex l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinkludi l-obbligu pekunjarju inkwistjoni, iżda d-definizzjoni tal-obbligu pekunjarju nnifsu.

56. Għalhekk ma jistax' jiġi eskluż, preċiżament minħabba l-bżonn li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja, li att li huwa ppreżentat bħala intimazzjoni għall-ħlas ta' multa u, jekk ikun il-każ, tal-interessi moratorji jista', f'ċerti ċirkustanzi, bħal dawk tal-kawża li hija l-oriġini ta' din il-kawża, jipproduċi effetti legali vinkolanti li huma ta' natura li jaffettwaw l-interessi tal-persuni morali inkwistjoni.

57. Huwa dan li bi ħsiebni neżamina fil-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

22 — Ara d-digriet tad-19 ta' Novembru 2013, 1. Garantovaná vs Il-Kummissjoni (T-42/13, mhux ippubblikata, EU:T:2013:621, punti 26 u 27). Ara wkoll, f'dan is-sens, id-digriet tal-10 ta' Ġunju 1998, Cementir vs Il-Kummissjoni (T-116/95, EU:T:1998:120, punti 20 sa 24) u tat-12 ta' Marzu 2012, Universal vs Il-Kummissjoni (T-42/11, mhux ippubblikata, EU:T:2012:122, punti 20 sa 32).

23 — C-506/13 P, EU:C:2015:562, punt 23.

24 — L-Artikolu 4 tad-deċiżjoni Metakrilati jispjega li dan huwa applikabbli skont l-Artikolu 256 KE.

25 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs Ferriere Nord (C-516/06 P, EU:C:2007:763, punti 32 u 33).

ii) Iċ-ċirkustanzi partikolari ħafna ta' dan il-każ iwasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma s-sentenza appellata

58. Dan l-appell għandu bħala bażi sitwazzjoni fattwali u proċedurali relattivament kumplessa u mhux tas-soltu li tagħha għandhom jitfakkru l-karatteristiċi essenzjali.

59. Permezz tad-deċiżjoni Metakrilati, l-appellati, fil-kwalità tagħhom ta' kumpanniji parent ta' Arkema, li fuqhom ġiet imposta multa ta' EUR 219 131 250, ġew iddikjarati responsabbli "*in solidum* u konġuntivament" għall-ħlas tal-multa ta' EUR 140.4 miljuni u EUR 181.35 miljuni rispettivament.

60. Permezz tas-sentenza Arkema tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/06, EU:T:2011:251), l-ammont tal-multa imposta fuq Arkema tnaqqas għal EUR 113 343 750. Mill-banda l-oħra, l-ammont tal-multa imposta, fuq l-appellati baqgħet l-istess wara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250), Total u Elf Aquitaine, li barra minn hekk kienet ikkonfermata bid-digriet tas-7 Frar 2012, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-421/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:60).

61. Issa, l-ewwel nett huwa stabbilit li Arkema ħallset il-multa inizjali kollha, fl-ammont ta' EUR 219 131 250 fid-data tas-7 ta' Settembru 2006, anki għan-nom tal-kumpanniji parent appellati. Minkejja li l-Kummissjoni, fil-kuntest tat-tielet aggravju tagħha – aggravju li għalih ser nirreferi fil-kunsiderazzjonijiet li ġejjin – tikkontesta l-interpretazzjoni tal-ittra tal-25 ta' Settembru 2008, mogħtija fil-punt 113 tas-sentenza appellata, li tipprovdi li Arkema kienet għamlet dikjarazzjoni ta' ħlas komuni u, għalhekk, kienet ukoll irregolat il-multa inizjali kollha anki għan-nom tal-appellati, hija ma indikatx, u lanqas allegat, li din l-evalwazzjoni tikkawża żnaturament tal-fatti jew żball imwettaq fil-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti.

62. Quddiem tali sitwazzjoni, għandhom isiru żewġ konstatazzjonijiet. L-ewwel waħda tirrigwarda l-porżizzjoni meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-421/11 P fir-rigward tal-ħlas tal-interessi moratorji. It-tieni tirrigwarda b'mod iktar globali l-punt dwar jekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza, dewmien ta' ħlas jistax effettivament ikun imputat fuq l-appellati.

63. L-ewwel konstatazzjoni hija li permezz tad-digriet tas-7 ta' Frar 2012, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-421/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012, punt 89), il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod impliċitu, iżda neċessarju, tikkonferma l-partikolarità u l-fondatezza tad-distinzjoni bejn, minn naħa ir-rikors magħmul kontra l-ittri kkontestati li jimponu, b'mod żbaljat skont l-appellati, interessi moratorji u min-naħa l-oħra, ir-rikors magħmul kontra d-deċiżjoni Metakrilati. Billi ddeċidiet li t-talba, ippreżentata b'mod sussidjarju, hija intiża għall-ħelsien mill-ħlas tal-interessi moratorji, għandha tiġi miċħuda bħala manifestament inammissibbli peress li saret "kontra s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2011, Total u Elf aquitaine vs Il-Kummissjoni (T-206/06, EU:T:2011:250)], iżda kontra [l-ittra tat-8 ta' Lulju 2011] li barra minn hekk, hija s-suġġett ta' rikors tal-[appellati] quddiem il-Qorti Ġenerali, irreġistrat fir-Reġistru tagħha bin-numru T-470/11", il-Qorti tal-Ġustizzja donnha aċċettat li l-ittri kkontestati ma humiex ippreżentati bħala konferma tad-deċiżjoni Metakrilati, kif emendata mill-Qorti Ġenerali.

64. It-tieni konstatazzjoni hija li llum teżisti inċertezza ġuridika dwar il-konsegwenzi li għandhom effettivament jingħibdu mill-Kummissjoni, dwar il-pjan tal-irkupru tal-ammont tal-multi, imposti "konġuntivament u *in solidum*" fuq is-sussidjarji u l-kumpanniji parent tagħhom għal aġir antikompetittiv imwettaq minn dawn is-sussidjarji biss. B'mod iktar preċiż u minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tikkunsidra li, f'tali każ, ir-responsabbiltà tal-kumpannija jew kumpanniji parent

kellha tkun "purament derivata"[26] minn dik tas-sussidjarja tagħhom, hija ma tatx indikazzjonijiet ċari dwar il-konsegwenzi li għandhom jinġibdu fil-każ fejn l-imsemmija sussidjarji jħallsu l-multa kollha li tiġi imposta fuqhom *in solidum* mal-kumpanniji parent tagħhom.

65. F'tali każ ta' ħlas sħiħ tal-multa imposta "*in solidum* u konġuntivament" minn sussidjarja, u indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk hija riditx tagħmel "ħlas komuni" jew le, il-Kummissjoni għandha d-dritt tikkunsidra li l-kumpannija parent ma ssodisfatx, *in toto* jew *in parte*, l-obbligu ta' ħlas tagħha ?

66. Fl-opinjoni tiegħi, le.

67. Fl-opinjoni tiegħi, in-natura konġunta u solidali tar-responsabbiltà tal-kumpanniji parent appellati u tas-sussidjarja tagħhom matul il-perijodu ta' ksur għall-aġir antikompetittiv imwettaq minn dawn is-sussidjarji biss tikkonferma, indipendentement anki mill-eżistenza ta' "dikjarazzjoni ta' ħlas konġunt", li l-ħlas inizjali tal-multa magħmula minn Arkema kien għan-nom tagħha, iżda wkoll għan-nom tal-koobbligati solidali tagħha. Fil-fatt, fil-każ fejn ir-responsabbiltà ta' kumpannija parent tkun purament derivata minn dik tas-sussidjarja tagħha, sempliċement għaliex tkun interpretat b'mod żbaljat il-projbizzjoni tal-akkordji msemmija fl-Artikolu 101(1) TFUE, u fejn, barra minn hekk, dawn iż-żewġ kumpanniji ġew ikkundannati *in solidum* għall-ħlas ta' multa, il-Kummissjoni ma hijiex f'pożizzjoni li titlob mingħand il-kumpannija parent ammont ta' multa li jeċċedi dak li s-sussidjarja għandha tħallas b'mod definittiv[27].

68. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li f'sitwazzjoni fejn ir-responsabbiltà tal-kumpannija parent tkun purament derivata minn dik tas-sussidjarja tagħha u li fiha ebda fattur ieħor ma jikkaratterizza individwalment l-aġir ilmentat kontra l-kumpannija parent, ir-responsabbiltà ta' din il-kumpannija parent ma tistax teċċedi dik tas-sussidjarja tagħha[28]. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta ċerti rekwiżiti proċedurali jkunu ssodisfatti, il-kumpannija parent li r-responsabbiltà tagħha hija totalment derivata minn dik tas-sussidjarja tagħha għandha, bħala prinċipju, tibbenefika minn eventwali tnaqqis fir-responsabbiltà tas-sussidjarja tagħha li ġiet imputata lilha[29]. Bl-istess mod, hija kellha l-opportunità tippreċiża li, l-għan tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà *in solidum* għall-ħlas tal-multi għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni huwa b'mod partikolari li jsaħħaħ l-azzjoni ta' rkupru ta' dawn il-multi, il-kontenzjuż eventwali li jista' jeżisti fir-relazzjoni esterna eżistenti bejn il-kodebituri solidali "bħala prinċipju ma tirrappreżentax iktar interess għall-Kummissjoni, sa fejn il-multa kollha tkun ġiet imħallsa lilha minn wieħed jew iktar minn dawn il-kodebituri"[30].

69. Jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Kawża C-421/11 P, ikkunsidrat li t-tnaqqis tal-multa imposta fuq sussidjarja ma għandhiex tkun ta' benefiċċju awtomatiku għal kumpannija parent tagħha, li r-responsabbiltà tagħha hija purament derivata. Fir-rigward tal-każ tal-appellati, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt ikkunsidrat li l-fatt multiplikatur li japplika għalihom u għal Arkema huwa differenti, u l-fatt biss li dawn il-kumpanniji kellhom iħallsu multa li għaliha huma konġuntivament u *in solidum* responsabbli ma jistax jikkostitwixxi element li jiġġustifika estensjoni tal-awtorità ta' *res judicata* li

26 — Ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Total vs Il-Kummissjoni (C-597/13 P, EU:C:2015:613, punti 38 u 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Total vs Il-Kummissjoni (C-597/13 P, EU:C:2015:207, punti 31 sa 46).

28 — Ara s-sentenzi tat-22 ta' Jannar 2013, Il-Kummissjoni vs Tomkins (C-286/11 P, EU:C:2013:29, punti 37, 39, 43 u 49) kif ukoll tas-17 ta' Settembru 2015, Total vs Il-Kummissjoni (C-597/13 P, EU:C:2015:613, punt 38).

29 — Ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Total vs Il-Kummissjoni (C-597/13 P, EU:C:2015:613, punt 41).

30 — Ara s-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni *et* vs Siemens Österreich *et* (C-231/11 P sa C-233/11 P, EU:C:2014:256, punti 59 sa 60).

għandha tingħata lis-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/06, EU:T:2011:251)[31]. Għalhekk proprjament il-Qorti tal-Ġustizzja ma ndikatx li, fil-każ ta' ħlas minn wieħed tal-koobbligati solidali tal-multa kollha, il-Kummissjoni ma tistax tikkunsidra iktar b'mod konkret li wieħed mill-koobbligati kien għad irid iħallas parti mill-multa.

70. Min-naħa tiegħi u anki jekk ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni direttament dwar din il-kwistjoni f'dan il-każ, fl-opinjoni tiegħi, fiċ-ċirkustanza ta' dan il-każ u jekk tiġi miċħuda s-sustanza tar-regola ta' solidarjetà biss, jista' jkun hemm dubju li xi dewmien ta' ħlas tal-multa imposta skont id-deċiżjoni Metakrilati jista' jkun imputat lill-appellati. L-ittri kkontestati, sa fejn jitolbu l-ħlas tal-interessi moratorji, li ma humiex ibbażati la fuq l-imsemmija deċiżjoni, kif emendata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2011, Arkema France *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/06, EU:T:2011:251), u lanqas fuq ir-regoli għall-eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju, ma jistgħux għalhekk ikunu kkunsidrati bħala sempliċi konferma ta' atti preċedenti.

71. Ma jistax jiġi injorat li dawn l-ittri jinkludi elementi ġdid, peress li jeżiġu mill-appellati l-ħlas ta' parti mill-multa li kienet imposta fuqhom *in solidum* ma' Arkema, flimkien mal-interessi moratorji, minkejja l-fatt li l-multa kienet immedjatament imħallsa minn din tal-aħħar. Għalhekk f'dan il-każ ma huwiex att ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li hija inkwistjoni, att li l-istħarriġ ġudizzjarju tiegħu jaqa' fuq il-qorti nazzjonali, iżda att li jikkontesta d-definizzjoni anki tal-obbligu pekunjarju impost fuq impriża.

72. F'dan ir-rigward, jidhirli li huwa kemxejn paradossali li l-Kummissjoni, minn naħa waħda, tagħti ċerta importanza lill-interpretazzjoni magħmula fl-ittra tal-25 ta' Settembru 2008 dwar l-eżistenza jew le ta' "ħlas komuni" tal-multa imposta *in solidum* skont id-deċiżjoni Metakrilati u għalhekk lill-konsegwenzi ġuridiċi ta' din l-ittra, u min-naħa l-oħra tiddefendi l-idea li hija biss din id-deċiżjoni, kif emendata mill-Qorti Ġenerali, li għandha natura deċiżjonali.

73. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, jiena tal-opinjoni li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi billi kklassifikat l-ittri kkontestati bħala atti li jistgħu jiġu kkontestati skont l-Artikolu 263 TFUE, peress li bihom il-Kummissjoni teżiġi interessi moratorji.

B – *Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' lis alibi pendens u tal-awtorità ta' res judicata li jirriżultaw mid-digriet tas-7 ta' Frar 2012, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-421/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:60)*

1. Argumenti tal-partijiet

74. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, il-Kummissjoni tallega li essenzjalment il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' *lis alibi pendens* u tal-awtorità ta' *res judicata*, peress li sseparat b'mod partikolari fil-punti 80 u 93 sa 101 tas-sentenza appellata, il-kwistjoni tal-interessi moratorji li għandhom jitħallsu mill-bqija tad-deċiżjoni Metakrilati.

75. F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni Metakrilati tinkludi, fl-Artikolu 2 tagħha, dispożizzjonijiet dwar il-multa imposta b'mod prinċipali u dwar l-interessi dovuti f'każ ta' nuqqas ta' ħlas, li huma aċċessorji għaliha. Issa fil-mument tar-rikors fil-kawża li tat lok għas-sentenza appellata, l-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-421/11 dwar din id-deċiżjoni kien għadu pendenti. Barra minn hekk, wara d-digriet tas-7 ta' Frar 2012, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-421/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:60), f'din l-aħħar kawża, l-imsemmija deċiżjoni kienet issir definittiva għall-appellati fil-partijiet tagħha kollha, inkluż għalhekk il-kwistjoni tal-interessi.

31 — Ara d-digriet tas-7 ta' Frar 2012, Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-421/11 P, EU:C:2012:60, punt 83).

76. L-appellati talbu li l-appell jiġi miċħud.

2. Evalwazzjoni

77. F'dan il-każ, jiena rrid nikkunsidra li fir-rigward tal-fatt li r-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-470/11 kien, mill-perspettiva formali, ippreżentat kontra att differenti minn dak previst fil-kawża li tat lok għad-digriet tas-7 ta' Frar 2012 Total u Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni (C-421/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:60), l-aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' *lis alibi pendens* u tal-awtorità ta' *res judicata* għandu jiġi miċħud.

78. Fil-fatt jidhirli li dan huwa l-uniku approċċ rikonċiljabbli mad-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 89 ta' dan id-digriet, dwar il-partikolarità u l-fondatezza tad-distinzjoni bejn minn naħa, ir-rikors magħmul kontra l-ittri kkontestati li jimponu, possibbilment, b'mod żbaljat, l-interessi moratorji, u min-naħa l-oħra, ir-rikors magħmul kontra d-deċiżjoni Metakrilati.

79. Jiena b'hekk tal-fehma li t-tieni aggravju tal-appell huwa infondat.

C – *Fuq it-tielet aggravju bbażat fuq motivazzjoni kontradittorja*

1. Argumenti tal-partijiet

80. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, imqajjem b'mod sussidjarju, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn motivazzjoni kontradittorja.

81. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, b'mod żbaljat, fil-punt 113 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kellha d-drittijiet kollha tagħha ssodisfatti kemm fir-rigward ta' Arkema kif ukoll fir-rigward tal-appellati koobbligati *in solidum* kollha, filwaqt li l-Qorti Ġenerali kienet korrettament osservat fil-punt 9 tal-imsemmija sentenza li Arkema "bid-dispjaċir [tagħha] li ma [setgħetx tawtorizza] lill-Kummissjoni żżomm kwalunkwe ammont fil-każ li r-rikors tagħha quddiem il-qorti Komunitarja [jkollu] suċċess".

82. Issa, din il-preċiżjoni ta' Arkema timplika neċessarjament, skont il-Kummissjoni, li ma hemmx dikjarazzjoni ta' ħlas komuni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiddikjara li l-Kummissjoni kellha d-drittijiet kollha tagħha ssodisfatti kemm fir-rigward tagħha kif ukoll fir-rigward tal-koobbligati *in solidum*.

83. L-appellati jargumentaw li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli, u jekk ikun il-każ, bħala infondat.

2. Evalwazzjoni

84. L-argument żviluppat mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tielet aggravju tal-appell ma huwiex konvinċenti u għandu, fl-opinjoni tiegħi, jiġi miċħud bħala inammissibbli.

85. Qabel xejn, hemm lok li jiġi rrilevat li l-punt 9 tas-sentenza appellata ma jirrigwardax, *stricto sensu*, l-espożizzjoni tal-motivi, iżda jinsab fil-parti tas-sentenza appellata ddedikata għall-espożizzjoni tal-fatti, li bħala tali ma tinkludi ebda evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali.

86. Imbagħad, jidher li permezz tal-allegata kontrodizzjoni tal-motivi, il-Kummissjoni trid fir-realtà tikkontesta l-interpretazzjoni li saret mill-Qorti Ġenerali, tal-ittra datata 25 ta' Settembru 2008 indirizzata minn Arkema lill-Kummissjoni b'risposta għall-ittra tal-24 ta' Lulju preċedenti.

87. Issa jekk il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali hijiex kontradittorja hija kwistjoni ta' dritt li tista', bħala tali, titqajjem fil-kuntest ta' appell [32], dan ma huwiex il-każ tal-evalwazzjoni tal-fatti li, mingħajr ħsara għal każ ta' żnaturament, ma jaqax taħt l-eżami tal-Qorti tal-Ġustizzja [33].

88. Issa tali żnaturament, li wara kollox, lanqas ma huwa allegat, ma jidhirlix li ġie stabbilit. Fil-fatt, jidhirli perfettament iġġustifikata – u għalhekk mhux manifestament żbaljata – l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-punt 113 tas-sentenza appellata, li tipprovdi li "il-Kummissjoni ma tistax b'mod effettiv issostni li Arkema ma għamlitx id-dikjarazzjoni ta' ħlas komuni, ladarba [din tal-aħħar] indikat b'mod ċar, fl-imsemmija ittra tal-25 ta' Settembru 2008, li l-Kummissjoni kellha "d-drittijiet kollha tagħha ssodisfatti kemm fir-rigward [tagħha] kif ukoll fir-rigward tal-koobbligati *in solidum* kollha"".

V – Konklużjoni

89. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara u tiddeċiedi kif ġej:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Total SA u minn Elf Aquitaine SA.

3) L-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha.

32 — Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2001, Cubero Vermurie vs Il-Kummissjoni (C-446/00 P, EU:C:2001:703, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (C-3/06 P, EU:C:2007:88, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni (C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).